MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 770/1995/1

**Alexander Eminyan ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Touring Mediterraneo Limited**

**Vs**

**Caroline u Charles konjugi Grech**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-9 ta' Gunju 1995 li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi f' Mejju 1993 l-attur *nomine* biegh lill-konvenuti illi accettaw, biljetti ghal *cruise* liema biljetti gew uzati mill-konvenuti, versu l-prezz komplessiv ta' Lm2,732 (elfejn, seba' mija u tnejn u tletin lira Maltija) skond l-

i*statement* anness ma' l-att tac-citazzjoni, immarkat Dokument A;

Premess illi minn din is-somma ta' Lm2,732 il-konvenuti hallsu biss is-somma ta' Lm600 (sitt mitt lira Maltija) biex b' hekk baqa' dovut bilanc favur id-ditta attrici ta' Lm2,132 (elfejn mija u tnejn u tletin lira Maltija);

Premess illi ghalkemm interpellati permezz ta' ittra ufficjali tat-28 ta' Marzu, 1995 sabiex ihallsu din is-somma bilancjali ta' Lm2,132 il-konvenuti baqghu inadempjenti minghajr raguni valida fil-Ligi;

U premess illi d-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur *nomine* qieghed jipprezenta ma' din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dokument B);

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Qnorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:-

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza skond it-talbiet attrici bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti huma debituri tad-ditta attrici fis-somma bilancjali ta' Lm2,132;

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu din is-somma ta' Lm2,132 lill-attur *nomine*;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Marzu, 1995 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Gunju 1995 li permezz tieghu il-konvenuti gew awtorizzati jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom fi zmien ghoxrin gurnata;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fis-27 ta' Gunju 1995 li permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk it-talbiet tieghu ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez, stante li filwaqt li huwa vera li l-konvenuti kienu bbukkjaw biljetti ghal *cruise* f' ammont inferjuri ghal dak mitlub mill-attur, l-attur tant ghamel herba mill-ordni li kienu ghamlulu l-esponenti li huwa ikkawzalhom danni li ghalihom huwa responsabbli ghal-liema danni huwa inzamm u qieghed jinzamm responsabbli u ghalhekk il-konvenuti qeghdin jipprevalixxu ruhhom mill-istess azzjoni attrici sabiex jiccitaw lill-attur, in via rikonvenzjonali kif qieghed isir permezz tal-presenti;

2. Salvi Eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti illi permezz taghha ippremettew:-

Illi l-attur inghata mill-konvenuti l-inkarigu li jibbukkja *cruise* ghalihom skond kif jirrizulta mill-*booking note* numru 009019 liema *cruise* kellu jkun *prima classe*;

Illi fil-fatt meta l-esponenti marru fuq il-*cruise* sabu li attwalment almenu in parti l-istess *cruise* kien ta' klassi inferjuri;

Illi bi traskuraggini, imperizja u negligenza qawwija da parte ta' l-attur il-konvenuti baghtew danni konsistenti fi flejjes zejda li huma kellhom ihallsu, kemm minhabba ir-rati tal-kambju billi l-attur ma zammx mad-dati li huma inkorrew skond kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk isegwi li ma esegwiex l-inkarigu lilu fdat ai termini tal-ligi;

Talbu ghalhekk il-konvenuti in via rikonvenzjonali lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-attur huwa inadempjenti fl-inkarigu lilu fdat minhabba traskuraggini, imperizja, negligenza, nuqqas ta’ attenzjoni u non-curanza fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuti jekk hemm bzonn permezz ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna l-attur ihallas dawk id-danni li jigu hekk likwidati favur il-konvenuti billi wkoll li l-istess ammont jigi ikkompensat ma’ l-ammont dovut allegatament mill-konvenuti lill-attur in via tal-prezz tal-*cruise* fuq imsemmi - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti akkompanjanti l-kontro-talba taghhom u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur *nomine* ghall-kontro talba tal-konvenuti illi permezz taghha huwa eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tal-konvenuti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

2. Salve eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tal-20 ta’ Novembru 1998 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ x-xhieda u l-kontro-ezamijiet;

Rat l-affidavitsipprezentati u it-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet ipprezentata mill-attur *nomine*;

Rat il-verbal tat-23 ta’ Gunju 2003 meta l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Bhala fatti l-partijiet jaqblu illi l-konvenuti dahlu f’ arrangament ma’ l-attur *nomine* biex dan jipprenotalhom *tour* li xtaqu jaghmlu ghal vakanza taghhom f’ Settembru 1993. Dan it-*tour* kien wiehed *package* u kien jinkludi t-titjiriet, allogg fil-lukandi u zewg *sea cruises*. L-azzjoni ta’ l-attur *nomine* domandanti l-hlas tal-bilanc tat-*tour* hi kumbattuta b’ kontro-talba tal-konvenuti li avvanzaw pretensjoni ghad-danni. Dan ifisser illi z-zewg kontendenti jehtiegilhom jiddizimpenjaw ruhhom, skond it-*thema probandum* rispettiva, billi jippruvaw il-fatti principali jew sekondarji allegati minnhom ghall-iskop tal-gudizzju dwarhom;

Hu infatti essenzjali fi process civili illi n-norma tar-regola tradizzjonali “*onus probandi incumbit ei qui dicit*”, biex tassumi l-veru valur taghha, tesigi li l-parti li tallega fatt ghandha imbaghad id-dover li ggib prova ta’ l-ezistenza ta’ dak il-fatt. Dan minimament bhala esigenza ta’ logika u ta’ opportunita`. U japplika kemm fil-kaz tad-dritt azzjonat (“*actor incumbit probatio*”) kif ukoll biex issostni l-bazi ta’ l-eccezzjoni jew tal-kontro-talba propulsi biex jikkontrastaw il-pretensjoni ta’ l-attur (“*reus in excipiendo fit actor*”);

Dan premess bhala principju introduttiv ghall-kaz, il-fatti emersi juru li, ghal dak li jikkoncerna t-talba ta' l-attur *nomine*, din tikkonsisti fi pretensjoni ghall-hlas ta' somma bilancjali ghall-*package tour* komposta minn ammont komplessiv ghaz-zewg konvenuti ta' elfejn u hames mitt lira (Lm2500), *levy* ta' ghoxrin lira (Lm20) kull persuna, u *currency surcharge* ta' mija u tnejn u tletin lira Maltija (Lm132) ghaz-zewg persuni. Mis-somma hekk addizzjonata saret deduzzjoni ta' sittin lira (Lm60) korrispondenti ghad-differenza fil-prezz tal-kabina. B' hekk l-ammont shih kien jittotalizza elfejn seba' mija u tnejn u tletin lira Maltija (Lm2732). Minn dan l-ammont il-konvenuti hallsu s-somma inizzjali ta' sitt mitt lira (Lm600) u b' hekk gie li kien baqa' x' jithallas l-ammont bilancjali ta' elfejn mija u tnejn u tletin lira Maltija (Lm2132). Ara deposizzjoni ta' Alexander Eminyan a fol. 109;

Minn naha taghhom riferibilment ghal din il-pretensjoni tas-socjeta` attrici, il-linja difensjonali tal-konvenuti ssegwi dan il-perkors:

I. Prodott biex jikkontesta l-azzjoni attrici inizjata bil-procedura sommarja specjali l-konvenut Charles Grech jammetti illi kien ghad baqalu jhallas is-somma ta' elf tmien mija u tmienja u hamsin lira Maltija (Lm1858) u li hu kkonfessa li kien dispost li jiskonta, (fol. 18);

II. Aktar tard fil-kors tal-kontro-ezami (fol. 121) l-istess konvenut filwaqt li jikkonferma illi hu kien hallas depozitu ta' sitt mitt lira (Lm600) izid jghid ukoll illi l-bilanc dovut minnu hu biss ta' elf u tmienja u hamsin lira (Lm1058). Dan ghar-raguni illi dejjem skond hu kien hallas ukoll is-somma ta' tmien mitt lira (Lm800). Prova din li qatt ma saret minnu billi nonostante dak promess baqa' ma esebiex ir-ricevuta relattiva korrispondenti ghal dan l-allegat pagament. Dan ix-xhud imbaghad jikkuntrasta d-differenza pretiz mill-attur billi jsostni illi hu ma kienx qabel mar-rata tal-kambju li giet adoperata relattiv ghall-pakkett finanzjarju tal-*cruise* u inoltre wkoll illi hu ma giex akkreditat bil-*pre-booking discount*;

Ghal dak li jirrigwarda l-pretensjoni tal-konvenuti ghad-danni kontenuta fit-talba rikonvenzjonali taghhom l-imsemmi Charles Grech javvanza dawn l-allegazzjonijiet fl-Affidavit tieghu (fol. 38):

(a) Il-ftehim milhuq mas-socjeta` attrici kien fis-sens illi l-ewwel jaghmel il-*cruise* ta' erbat ijiem fil-Bahamas permezz tal-vapur "Nordic Express" u in segwitu *cruise* ta' sebat ijiem fil-Karibew bil-vapur "Majesty Of The Seas". Huwa zied jghid illi billi dan l-ahhar vapur kien aktar lussuz mill-iehor ried jispicca b'toghma tajba. Ghalhekk jadduci illi l-fatt li s-socjeta` attrici qalbet il-*cruises, "it spoiled our holiday"* (fol. 119);

(b) Jilmenta mill-fatt illi l-kabina fuq in-"Nordic Express" ma kinitx kif xtaqha hu, u cjoe "b' terrazzin";

(c) Jillanja wkoll mill-fatt illi damu jistennew tliet sieghat fl-*airport* ta' Miami billi rrizulta li isimhom ma kienx indikat fil-manifest ta' l-organizzaturi;

(d) Kellu sahansitra lanjanza minn inkonvenjent ghax il-vapur "Nordic Express" kien isija u johloq vibrazzjonijiet meta jkun ser jidhol fil-port;

Dawn l-allegazzjonijiet huma ribattuti mill-attur Alexander Eminyan bil-mod segwenti:

(A) Il-konvenuti ghazlu illi l-ewwel imorru fuq il-*cruise* ta' sebat ijiem segwit b' dak ta' erbat ijiem. Huma talbu li l-kabini jkunu "Category C". Wara verifiki li ghamel sab li ma kienx hemm disponibbli kabina ta' din il-kategorija fuq in-"Nordic Express". Informa b' dan lill-konvenut u dan inkarigah jibdel il-*cruises* fis-sens li l-ewwel *cruise* ikun fuq dan l-ahhar imsemmi vapur. Dan l-arrangament sar u hu kkonfermah mal-konvenut;

(B) Xi granet qabel id-data tal-partenza huwa cempel lill-konvenut biex ifakkru ha jigbru d-dokumenti u wkoll biex jigi jhallas il-bilanc dovut. Dan wiegbu li kellu impenji ohra

u allura iddiskutew il-possibilita` tat-tibdil tad-dati tal-*cruises*. F’ dan ir-ri-arrangament tal-*booking* irrizulta li fuq in-“Nordic Express” ma kienx hemm kabina disponibbli f’ Catergory C izda f’ Catergory F. Dan hu konfermat minn *fax* mibghut lill-konvenut, esebit a fol. 105. Ix-xhud jghid ukoll illi l-konvenut ikkonferma l-*bookings* il-godda u gie jigbor il-biljetti (fol. 106). Fi kliemu stess “huwa accetta l-*holiday* kif ahna tajnihielu” (fol. 126);

Qabel kull riflessjoni fuq dawn il-fatti u l-inferenzi ta’ sustanza li necessarjament jitnisslu minnhom, in tema ta’ dritt riferibilment ghall-kwestjoni tad-danni, tajjeb li jigi rilevat illi skond l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili “kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu”, u biex ikun hemm din il-htija hemm bzonn, skond l-Artikolu 1033, li jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, jigifieri d-danneggjant irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta’ dover skond il-ligi. Josserva l-**Giorgi**, “*quando si parla di colpa per ommissione si deve intendere la trasgressione di un dovere, per il quale taluno era in obbligo di fare quello che non fece, giusta l’ aforisima ‘qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non facit*” (“Obbligaz.” Vol. IV para. 151);

Dan l-istess taghlim dottrinali gie awspikat minn bosta trattisti ohra fosthom il-**Marcade`** (Cod. Napol. Para 296 u 297) u **Demolombe** (Diritto Civile, Vol. XXI para 479). Ara a propositu fuq din it-tema d-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet “**Emmanuele Cassar –vs- Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier *nomine et***”, deciza fis-26 ta’ Jannar 1962 kif ukoll dik ta’ l-istess Qorti deciza fit-30 ta’ Gunju 1997 fil-kawza “**Vincenza Micallef –vs- John Bondin**”;

Fuq l-istregwa ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet ta’ dritt, kif ukoll dawk probatorji, din il-Qorti ma ssibx illi l-attur *nomine* naqas minn xi dover impost fuqu bil-ligi jew bil-konvenzjoni bejn il-partijiet. Anzi l-Qorti tara li l-attur *nomine* adempixxa fedelment l-obbligi minnu assunti u l-linja difensjonali tal-konvenut thalli sapur illi l-versjoni

tieghu ma hijiex fededenja u ma ghandhiex tigi emnuta. Il-Qorti tara illi t-tentattiv tieghu biex b' mod jew iehor jinnewtralizza t-talba gusta ta' l-attur *nomine* ghall-hlas huwa wiehed mhux biss debboli izda wkoll arkitettat b' mod li jaghmel kredibbli u jaghti affidament versjoni li fil-verita timmerita li tkun skartata;

Din il-Qorti qed issejjes dan ir-ragjonament ghab-bazi tas-segwenti osservazzjonijiet:

(i) Il-versjoni tieghu dwar kif kellu jkun l-itinerarju u l-ghazla tal-kabini hi zmentita jekk mhux mill-attur *nomine*, mid-dokument f' forma ta' *telefax* li ntbaghtlu fl-1 ta' Settembru 1993 (fol. 105). Hemm imbaghad il-konfessjoni tieghu illi hu kien sar jaf mill-attur *nomine* bl-arrangament illi l-ewwel kellu jmur il-Karibew u mbaghad il-Bahamas qabel il-partenza tieghu minn Malta (fol. 119). Eppure huwa xorta ghazel li ma jikkancellax bl-iskuza pwerili illi l-attur *nomine* “ma halliniex”, ma kienx hemm zmien, u kien diga` hallas id-*deposit* (fol. 120);

(ii) Il-lanjanzi tieghu dwar li l-vakanza tieghu giet *spoiled* ma jistghux jitqiesu serji jew sufficcjenti ghall-konvinciment ta' din il-Qorti, tenut rigward tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-verosimiljanza u tal-konsistenza;

(iii) Fuq dan l-ahhar aspett tal-konsistenza l-Qorti tinnota illi l-konvenut jitlaq mill-punt illi hu dispost ihallas is-somma ta' elf tmien mija u tmienja u hamsin lira (Lm1858) (fol. 18) biex jghaddi ghall-affermazzjoni kontenuta fl-Affidavit tieghu (fol. 39) illi hu jippretendi illi l-ammont reklamat ma huwiex dovut billi jippretendi rikompens f' dannu u ghalhekk ghandu jitnaqqas, biex imbaghad jispicca fl-istqarrija illi hu ghandu jaghti, salv id-danni, is-somma ta' elf u tmienja u hamsin lira (Lm1058). Dan fuq il-kontenzjoni li kien halas tmien mitt lira (Lm800) ohra apparti d-depoziti inizzjali. Fatt dan li ma gie provat minnu mill-ebda dokument attendibbli;

(iv) Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi l-konvenut Charles Grech naqas milli japprofitta ruhu milli jipproduci bhala xhieda biex isostni l-allegazzjonijiet tieghu lil martu, lil Joseph Fenech Soler u l-organizzaturi tal-*cruise* indikati minnu fil-lista tax-xhieda;

Konsegwentement mill-kumpless tal-provi u mill-ezami l-aktar akkurat taghhom li din il-Qorti setghet taghmel, il-Qorti hi sodisfatta illi l-konvenuti ma ressqu l-ebda prova awtentika li kapaci tiddemostra l-ezistenza ta' fattijiet determinanti u attendibbli. Mhux biss id-dixxiplina normativa tal-principju fil-bidunett affermat ma gietx konsegwita u konvincevolment sodisfatta talli anke kieku kellha din il-Qorti tadotta l-kriterju tal-probabilita` l-istess ma kinitx issib fil-versjoni tal-konvenut cirkostanzi sufficcjenti biex isostnu t-tezi tieghu jew li jinducu fil-Qorti c-certezza morali;

Fic-cirkostanzi din il-Qorti tikkonkludi illi filwaqt li l-attur *nomine* pprova l-kaz tieghu mhux l-istess jista' jinghad ghall-konvenuti li naqsu kemm fid-difiza taghhom u aktar u aktar fl-obbligu imperanti fuqhom li jipprovaw l-allegazzjonijiet centrali taghhom tad-danni.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi t-talbiet principali ta' l-attur *nomine* billi takkolji l-istess u b' hekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-istess attur *nomine* s-somma ta' elfejn mija u tnejn u tletin lira (Lm2132) bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (16 ta' Gunju 1995);

Inoltre tichad ghal kollox il-kontro-talba billi din ma gietx ippruvata.

L-ispejjez gudizzjarji kemm tat-talba kif ukoll tal-kontro-talba ghandhom jitbatew mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------